**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Aeroporto di Villanova d'Albenga SpA (Riviera-Airport) hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C 271, 17.8.2020.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2021 – KZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-453/20)** ([1])

***("Servizz pubbliku – Uffiċjali – Proċedura ta' promozzjoni 2019 – Deċiżjoni li ma tingħatax promozzjoni – Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal – Eċċezzjoni ta' illegalità – Leave għal raġunijiet personali – Ineliġibbiltà għall-promozzjoni")***

(2021/C 297/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* KZ (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

*Konvenut:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Brauhoff u L. Radu Bouyon, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ippubblikata fl-*Informazzjoni Amministrattiva* Nru 32-2019 tal-14 ta' Novembru 2019, li ma tinkludix isem ir-rikorrent fuq il-lista ta' uffiċjali promossi abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2019.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) KZ huwa kundannat għall-ispejjeż.

---

([1]) ĠU C ##, ##.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2021 – Ryanair vs Il-Kummissjoni (Condor; Covid-19)**

**(Kawża T-665/20)** ([1])

***("Għajnuna mill-Istat – Suq Ġermaniż tat-trasport bl-ajru – Self pubbliku ggarantit mill-Ġermanja favur Condor Flugdienst fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Għajnuna intiża biex tirrimedja għad-danni kkawżati minn avveniment straordinarju – Artikolu 107(2)(b) TFUE – Evalwazzjoni tad-dannu – Rabta kawżali – Obbligu ta' motivazzjoni – Żamma tal-effetti tad-deċiżjoni")***

(2021/C 297/53)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ryanair DAC (Swords, l-Irlanda) (rappreżentanti: E. Vahida, F.-C. Laprévote, V. Blanc, S. Rating u I.-G. Metaxas-Maranghidis, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, F. Tomat u V. Bottka, aġenti)